**16 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Anthony Mifsud

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Att Ġudizzjarju - Nullità ta' - Artikoli 97, 98, 117 u 118 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti ddikjarat nulli l-proċeduri minħabba n-nullità jew ineżistenza taċ-ċitazzjoni billi kien fiha nieqes il-firma ta' l-Imħallef.*

*Il-firma ta' l-Imħallef fuq iċ-ċitazzjoni huwa element kostituttiv ta' l-att taċ-ċitazzjoni, b'mod li n-nuqqas ta' dik il-firma ġġib għall-inesiżtenza ta' l-att innifsu.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremetta:

Li huwa, ex-P.C. 181- Anthony Mifsud, kien ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, fil-15 ta'

Ġunju, 1982, akkużat b'korruzzjoni u kompliċità fil-ħarba mill-ħabs ċivili ta' żewġ priġunieri Louis Bartolo u Ahmed Khalil Habib;

Li, wara proċess quddiem ġurija, huwa ġie misjub mhux ħati u lliberat minn kull akkuża b'sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1985;

Li minħabba l-proċeduri kriminali meħuda mill-pulizija kontra tiegħu, l-attur ma rċeviex is-salarju u *bonus* dovut lilu wara l-11 ta' Ġunju, 1982, jew data oħra li tirriżulta, għall-bqija taż-żmien *miftiehem espressament* fil-kuntratt ta' impieg, bħala persuna ngaġġata fid-Dejma u ssekondata lill-Korp tal-Pulizija, kif jiġi ppruvat waqt il-kawża (ara Prospett, dok. A), kif ukoll xi arretrati;

Li l-attur għandu jieħu ukoll somma dovuta lilu għal *extra duties* fil-ħabs ċivili matul iż-żmien ta' l-Elezzjonijiet Ġenerali ta' l-1981, u għassa mal-bank, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża (ara Prospett dok. A);

Li l-konvenuti, interpellati b'ittra uffiċjali tas-27 ta' Ġunju, 1985, baqgħu inadempjenti;

Talab li l-istess konvenuti, jew min minnhom, jgħidu għaliex għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti m'għandhiex;

Tikkundanna lill-konvenuti, *jew min minnhom iħallsu* lill-attur is-somma ta' elf u żewġ liri Maltin (Lm1,002) jew ammont verjuri, skond il-prospett dok. A;

B'riserva għal kull azzjoni għad-danni u għal kumpens għall-arrest illegali, spettanti lill-attur;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Ġunju, 1985, u bl-imgħax legali mis-27 ta' Ġunju, 1985;

Il-konvenut huwa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda ta' l-attur;

Rat in-noti ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjonijiet ġuramentati u n-noti tax-xiehda tal-konvenuti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi (fol. 64);

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuti (fol. 67);

Rat li din il-kawża, mid-19 ta' Mejju, 1989 sat-2 ta' Ġunju, 1997, baqgħet tiġi ddifferita "għat-transazzjoni" jew għall-"*probabbli ċessjoni*";

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-24 ta' April, 1998, fejn *jirriżulta li l-kawża baqgħet iddiferita għas-sentenza dwar l-*eċċepita nullità taċ-ċitazzjoni;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Li din is-sentenza hija limitata għad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni li tinsab issollevata mill-

konvenuti kollha;

Jirriżulta ukoll illi l-konvenuti kollha ġabu 'l quddiem, bħala waħda mir-raġunijiet ta' din in-nullità, dik li ċ-ċitazzjoni ma ġietx iffirmata minn Imħallef u, għalhekk, ma ġietx maħruġa minn Qorti skond il-liġi;

Jingħad li, in sostenn ta' din l-eċċezzjoni, il-konvenuti esibew il-kopja fotostatika taċ-ċitazzjoni li kienet ġiet innotifikata lilhom (fol. 16, 40 u 52). Minn dawn il-kopji, jidher li fiċ-ċitazzjoni odjerna fit-tarf tagħha, fejn għandu jkun hemm il-firma ta' l-Imħallef, din il-firma hija nieqsa;

Din il-Qorti tħoss li għandha tissofferma ruħha fuq dan l-aspett tal-kwistjoni għaliex jidhrilha li b'hekk id-deċiżjoni dwar in-nullità taċ-ċitazzjoni m'għandhiex toffri l-ebda diffikultà u, għalhekk, tirrisolvi ruħha f'waħda ta' faċli spedizzjoni;

Ikkunsidrat:

Skond l-artikolu 117 tal-Kap. 12: "Kull ċitazzjoni jew mandat ieħor tal-qrati superjuri jinħarġu fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bix-xhieda ta' Mħallef". L-artikolu sussegwenti, imbagħad, ċjoè, l-artikolu 118, jiddisponi li l-atti li għalihom hija meħtieġa l-firma ta' Mħallef għandhom jiġu ffirmati mill-Imħallef tal-Qorti rispettiva. Għalhekk, il-firma ta' l-Imħallef fuq iċ-ċitazzjoni huwa element kostituttiv ta' l-att taċ-ċitazzjoni, b'mod li n-nuqqas ta' dik il-firma ġġib għall-ineżistenza ta' l-att innifsu (P.A., **L-Onor. Ministru Michael Falzon** *vs* **Reno Calleja** *et*, deċiża 6.04.89; **Maria Tabone** *noe* *vs* **Charles** *sive* **Charlie Welsh**, Vol. XXVI.II.13);

Jingħad li dan in-nuqqas ta' firma ta' l-Imħallef fuq iċ-ċitazzjoni jwassal għan-nullità assoluta ta' l-att għaliex b'hekk

l-att ikun karenti minn partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi u, kwindi, ma jistax assolutament jiġi ttollerat mingħajr ħsara għall-prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (ara sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, **Guido J. Vella A. & C.E.** *vs* **Dr. Emanuel Cefai LL.D.**, deċiża 4.11.91);

Konsgwentemet, *id-deħra tal-konvenuti* u *l-kontestazzjoni tal-kawża, kif ukoll il-proċeduri li* segwew *fil-kors* tagħha ma jiswewx biex jissanaw in-nullità ta' l-att innifsu għaliex, kif jinsab dispost fl-artikolu 98 tal-Kap. 12, "l-atti ġudizzjarji, magħmulin bis-saħħa ta' att null jew li ġejjin minn att null, huma ukoll nulli", u, kif jiddisponi l-artikolu 99, l-att null jista' biss isir mill-ġdid "jekk ma jkunx għadda ż-żmien perentorju li *fih għandu* jsir" (P.A., **Maria Tabone** *noe vs* **Charles Welsh**, Vol. XXVI.II.13);

Din il-Qorti tħoss li għandha tgħid li, għalkemm ma ġiex irrilevat fl-eċċezzjoni, jista' jingħad li anke l-isem l-Imħallef fiċ-ċitazzjoni, apparti l-firma tiegħu, huwa element kostituttiv taċ-ċitazzjoni u dan l-isem huwa ukoll nieqes fiċ-ċitazzjoni odjerna;

Il-Qorti jidhrilha ukoll illi, la darba waslet biex tikkonkludi li ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla, mhux il-każ li għandha tiddilunga aktar fuq il-motivi l-oħra tan-nullità avvanzati mill-konvenuti;

Għal dawn *il-motivi:*

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullità opposta mill-konvenuti u hekk tiddikjara null l-imsemmi att ta' ċitazzjoni li bih ġiet istitwita din il-kawża, kif ukoll nulli l-atti sussegwenti tal-kawża, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tad-domandi attriċi, b'riserva lill-attur ta' kull dritt talvolta lilu

spettanti *si et quatenus*;

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jiġu ssopportati mill-attur, salv kull dritt li talvolta jispetta lilu kontra min kien responsabbli;

Tordna ukoll lir-Reġistratur biex tieħu nota ta' l-inċident u taċ-ċirkostanzi relattivi u hekk tkun tista' tirregola ruħha.